**KUNSILL LOKALI TAL-IMQABBA**
**29, TRIQ IL-PARROĊĊA, L-IMQABBA MQB 1512**
**TEL: 2168 0622**
**E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt**
**WEBSITE: www.mqabba.gov.mt / www.lc.gov.mt**

Minuti tal-laqgħa straordinarja numru erbgħa u sebgħin (74) tal-Kunsill Lokali tal-Imqabba (KLM) li nżammet nhar it-Tnejn 13 ta' Frar 2017 fit-20:08 fl-Uffiċċju tal-Kunsill.

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Dr Charlene Zammit | Sindku |
| | Grace Marie Mallia | Viċi Sindku |
| | Paul Spiteri | Kunsillier |
| | Anthony Bonello | Segretarju Eżekuttiv |

| | | |
|---|---|---|
| MISTIEDEN: | Michael Debono | D Consulta (accountant) |

1. Is-Sindku, Dr Charlene Zammit ippresediet il-laqgħa u qalet it-talba.

2. Hija laqgħet lil Michael Debono, l-accountant tal-KLM u talbitu sabiex jispjega xi *items* fuq l-*Unaudited Finacial Statements 2016*. Din kienet ir-raġuni illi l-laqgħa tal-Kunsill kellha titlaqqa' b'mod straordinarju sabiex dawn l-*Unaudited Financial Statements* ikunu imdaħħla fil-ħin.

3. Kien spjegat l-element tal-*grants released* li l-Accountant qal li huma ġejjin minn snin antiki u kif dawn qed jaffettwaw l-accounts ta' din is-sena.

4. Kien deċiż li nagħmlu laqgħa mal-kuntrattur Asfaltar Ltd ħalli naraw jekk jistgħux jiġu '*waved*' l-interessi billi possibilment jiġi mħallas l-ammont li għad fadal pendenti.

5. Michael Debono qal illi d-Dipartiment għall-Gvern Lokali mhux qed jifhem il-fatt li mil-Kunsill Lokali tal-Imqabba qed jinqatgħu mill-ispejjeż €106,000 f'deprezzament filwaqt li mad-dħul hemm il-*grants* li ġejjin mis-snin ta' qabel. Hu qal li fil-verita' d-dħul jammonta għal €270,000. Għad-domanda tas-Sindku jekk fil-fond hemmx biżżejjed *cash* biex naqtgħu id-dejn kollu, hu qal illi minkejja li l-*Financial Situation Indicator* hija *'very negative'* minħabba din il-kwistjoni tad-*deferred income* u d-depprezzament, huwa kunfidenti biżżejjed sabiex kemm-il darba l-KLM jibqa' jfaddal u ma jonfoqx f'assi li mhux qed irendulu, is-sitwazzjoni għandha titjieb maż-żmien.

6. Il-Financial Statements 2016 tressqu għal vot u kienu approvati unanimament.

7. Intant l-Estimi Finanzjarji *2017* se jkun diskuss f'laqgħa oħra tal-KLM nhar il-21 ta' Frar bejn il-5:00pm u s-6.30pm, biex nippruvaw nemendawhom billi jkunu jirriflettu l-infiq ta' din is-sena ħalli l-varjanzi fl-aħħar tal-2017 jkunu minimi.

8. Is-Sindku trattat is-suġġett ta' bini ta' kamra tan-nar li hemm xniehat li se tinbena bejn il-kamra tan-nar ta' Santa Marija u dik tal-Madonna tal-Ġilju fl-inħawi ta' Ta' Kandja. Infatti tħejja rapport li m'hemmx biżżejjed distanzi u persuni jridu jgħaddu minn fuq xulxin f'każ ta' neċessita' ta' tifi tan-nar f'emerġenza, għaliex hemm ir-riskju li waħda tista' tqabbad lill-oħra.

9. Is-Sindku qalet illi hija għandha informazzjoni illi s-Siġġiewi huma wkoll kontra tagħha

minħabba l-element ta‘ sigurta’ u se noħorġu mill-ewwel kontriha kollettivament. Tant li hemm il-ħsieb li mmorru fuq is-sit u ngħidu għaliex ma’ naqblux ma’ dan il-propost żvilupp.

10. Il-laqgħa li jmiss tal-KLM se tinżamm nhar is-7 ta' Marzu fis-6:30pm.

Magħmula minn Anthony Bonello u approvati llum 7 ta’ Marzu 2017 minn Dr Charlene Zammit

Segretarju Eżekuttiv Sindku